

Paġna Ewlenija > ... > Leġiżlazzjoni U Każistika > Każistika Nazzjonali > Portugal

## Każistika nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn  
Portugall

Portugall



Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar il-ġurisprudenza Portugiża.

Fil-Portugall, id-dritt għall-informazzjoni dwar is-sistema ġudizzjarja huwa dritt fundamentali taċ-ċittadini previst espressament fl-Artikolu 20(2) tal-Kostituzzjoni tal-Portugall u implimentat mil-Liġi Nru 34/2004 tad-29 ta' Lulju 2004, fil-verżjoni attwali tagħha, li tistabbilixxi r-regoli għall-aċċess għall-ġustizzja u għall-qrati.

Skont l-Artikolu 4 ta' din il-liġi, huwa d-dmir tal-gvern li jieħu passi biex jgħarraf bil-liġi u bis-sistema ġuridika, u l-Ministeru tal-Ġustizzja huwa responsabbli biex jipprovdi informazzjoni legali, permezz ta' pubblikazzjonijiet jew kwalunkwe forma oħra ta' komunikazzjoni, bil-ħsieb li jiżgura l-eżerċizzju aħjar tad-drittijiet u t-twettiq tal-obbligi stabbiliti fil-liġi.

Il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji huwa prinċipju internazzjonali stabbilit kemm fl-Artikolu 10 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dan il-prinċipju huwa stabbilit l-ewwel nett fl-Artikolu 206 tal-Kostituzzjoni (ukoll marbut ma' seduti ta' smiġn fil-qorti) u fid-diversi liġijiet li jirregolaw ġuriżdiżjonijiet differenti, prinċipalment:

- l-Artikoli 163 u 606 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili
- l-Artikoli 86(1), 87 u 321(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali
- l-Artikoli 3 u 115 tal-Liġi li tirregola l-organizzazzjoni, il-funzjonament u l-proċedura tal-Qorti Kostituzzjonali
- l-Artikolu 30 tal-Kodiċi ta' Proċedura tal-Qorti Amministrattiva

Il-Ministeru tal-Ġustizzja jamministra għadd ta' bażijiet tad-*data* ta' dokumenti legali li jistgħu jinstabu fuq <http://www.dgsi.pt/>. Huma ppubblikati wkoll fil-Gazzetta Uffiċjali u huma disponibbli fuq <https://dre.pt/>:

- Deċiżjonijiet u dikjarazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali dwar l-antikostituzzjonalità jew l-illegalità ta' liġi jew dwar l-antikostituzzjonalità ta' ommissjoni;
- Deċiżjonijiet li jistandardizzaw il-ġurisprudenza tal-Qorti Suprema tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Awdituri u sentenzi tal-Qorti Amministrattiva Suprema li l-liġi tagħtihom saħħa vinkolanti ġenerali;
- Deċiżjonijiet ta' qrati oħra li ġeneralment huwa vinkolanti

### Preżentazzjoni ta' deċiżjonijiet/intestaturi

Is-sit web <http://www.dgsi.pt/> jipprovdi aċċess għal sett ta' bażijiet tad-*data* ta' preċedenti u għal-libreriji ta' referenza biblijografiki tal-Ministeru tal-Ġustizzja.

Meta żżur xi waħda minn dawn il-bażijiet tad-*data* tista' tara l-aktar dokumenti riċenti mdaħħla u bar tan-navigazzjoni jipprovdi aċċess għad-diversi tipi ta' tiftix permessi (tiftix b'xejn skont it-terminu, skont il-qasam u skont id-deskruttur).

Kemm il-viżwalizzazzjoni tad-dħul kif ukoll id-dehra tar-riżultati jipprovdu dokumenti skont l-intestaturi, bl-informazzjoni li ġejja:

- Numru tal-każ
- Data tas-seduta ta' smiġn
- Relatur

- Deskrittur

Eżempju ta' intestatura/i

### Deċiżjonijiet tal-Qorti Suprema tal-Ġustizzja

SEDUTA TA' SMIGĦ	KAŻ	RELATUR	DESKRITTUR
25.3.2009	08S2592	BRAVO SERRA	TERMINAZZJONI TAL-KUNTRATT TA' IMPJIEG

## Formati

It-test sħiħ tas-sentenza huwa disponibbli (soġġett għar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali) f'format html.

## Qrati kkonċernati

Il-bażijiet tad-*data* disponibbli fuq <http://www.dgsi.pt/> fihom ġurisprudenza mill-qrati/entitajiet li ġejjin:

- Il-Qorti Suprema
- Il-Qrati tal-Appell (Coimbra, Évora, Lisbona, Porto u Guimarães)
- Il-Qorti Kostituzzjonali
- Il-Qorti Amministrattiva Suprema
- Il-Qrati Ċentrali Amministrattivi (Tramuntana u Nofsinhar)
- Il-Qorti għall-Kunflitti tal-Ġuriżdiżjoni
- L-Opinjoni tal-Uffiċju tal-Prosekutur Pubbliku
- Il-Kummissarji tal-Ġustizzja

## Każijiet oħra

Fil-Portugall, tista' ssib informazzjoni għal numru ta' każijiet, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt.

L-informazzjoni hija disponibbli fuq:	Il-Qrati Suprema	Qrati l-oħra
Appelli?	Iva	Iva
Jekk każ ikun pendenti?	Le	Le
Ir-riżultat tal-appelli?	Iva	Iva
L-irrevokabbiltà tad-deċiżjoni?	Le	Le
Każijiet oħra		
- quddiem qorti Portugiża oħra (Qorti Kostituzzjonali....)?	Iva	Iva
- quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea?	Iva	Iva
- quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem?	Iva	Iva

## Regoli tal-pubblikazzjoni

Fuq livell nazzjonali, ma hemmx regoli vinkolanti dwar il-pubblikazzjoni tal-ġurisprudenza. Madankollu, hemm regoli vinkolanti fil-Portugall dwar il-pubblikazzjoni mill-qrati.

Fil-Portugall, tiġi ppubblikata biss selezzjoni ta' ġurisprudenza. Il-kriterji tas-selezzjoni applikati huma importanti u rilevanti.

## Links relatati

[Il-bażijiet tad-\*data\* ta' dokumenti legali](#)

L-aħħar aġġornament: 03/02/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull

informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.